FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 26 ta' April, 2002**

**Numru 10**

**Avviz. numru 1448/01JR**

**Seraphin Buhagiar**

**vs**

**Pierre Desira**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avvizipprezentat mill-attur fit-12 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u hamsin lira Maltija (Lm750.00), u fejn intqal:**

**Illi l-konvenut inkariga lill-attur sabiex jahdimlu xi xoghol tal-hadid ghat-tarag tad-dar tieghu. Huwa qaghad ghall-istruzzjonijiet tieghu;**

**Meta baghtlu l-kont, il-konvenut ried jaghtih biss is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00) ghalhekk qed issir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 4 ta' April, 2001, u 20 ta' April, 2001, ta' l-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju, 2001, u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-10 ta' Dicembru, 2001, fejn qal:**

**Illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut u dan ghar-ragunijiet segwenti:**

i. **Fl-ewwel lok l-ammont pattwit kien ta' disa' liri (Lm9.00)-il pied. Ghalhekk l-ammont dovut semmai kellu jkun ta' circa tlett mija tnejn u erbghin Lira Maltija (Lm342.00). Il-poggaman li kien ordnat mill-konvenut kellu jigi mahdum mill-attur skond mudell ta' katalgu li l-attur wera lill-konvenut. Meta l-attur talab is-somma issa pretiza minnu fl-avviz odjern, il-konvenut ma accettax li jhallas, izda biex ikun jista' jasal ghal ftehim offrielu s-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400.00) u biex ikopri tibdil zghir li sar fil-**

**poggaman li effettivament gie supplit. L-attur ma accettax dan il-hlas;**

ii. **Fit-tieni lok l-attur, meta wahhal il-poggaman fil-fond tal-konvenut, ikkaguna hsarat fit-tarag u b'hekk ikkaguna danni lill-konvenut. Il-konvenut qed jaghmel uzu minn dina l-procedura biex jaghmel kontro-talba kontra l-attur ghall-hlas tad-danni sofferti minnu tort ta' l-attur;**

**Ghalhekk it-talba ta' l-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenut prezentata mar-risposta fejn talab somma li ghandha tigi likwidata f'ammont li ma jeccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), danni sofferti minnu tort ta' l-attur;**

**Illi l-attur meta wahhal il-poggaman meritu ta' l-avviz propost mill-attur ikkaguna danni fit-tarag tal-konvenut f'somma li ma teccedix l-elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), li tirraprezenta danni sofferti mill-konvenut tort ta' l-attur minhabba hsara kagunata fit-tarag waqt ix-xogholijiet ta' tqeghid tal-poggaman mill-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Seraphin Buhagiar, Pierre Desira, Roberta Desira, Michael Schembri. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas ta' xoghol ta' hadid ghall-poggaman tat-atrag li l-attur ghamel lill-konvenut. Hemm ukoll kontro-talba da parti tal-konvenut li qed jghid li x-xoghol ma sarx sew u li bix-xogholijiet gew kagunati lilu danni.**

2. **Jirrizulta li l-attur huwa haddied, u l-konvenut kien qabbdu biex jaghmel il-hadid tat-tarag bid-disinn. Il-konvenut kien ghazel disinn partikulari muri mill-attur. Sakemm isir dan ix-xoghol l-attur ha hsieb li ghamillu, minghajr hlas, hadid "plain" bhala mizura temporanja ghar-ragunijiet ta' sigurta`. Skond l-attur is-sample gie minn barra, u ftehmu li jkun hemm sebghin lira (Lm70.00) fuq materjal, u spejjez ghall-plakek ta' taht. Pero` l-partijiet ma jaqblux dwar kemm kien ser jiswa l-pied. Skond l-attur qatt ma ftehmu fuq l-ammont ta' disa' liri-il pied, filwaqt li l-konvenut u martu Roberta, isostnu li kienu ftehmu verbalment mal-attur fuq dan l-ammont.**

3. **L-attur kien iwweldja l-hadid fuq il-post u jidher li hemm kien hemm problema. L-attur jghid li meta iwweldja qaghad attent, peress li hemm possibilita` li ssir il-hsara. Skond il-konvenut waqt li qed jiwweldja l-attur haraq il-granit tat-tarag. Il-konvenut esebixxa stima fl-ammont ta' mitejn u sebghin lira Maltija (Lm270.00) ghall-hsara li saret fil-granit, liema stima saret minn M. Schembri ta' Schembri Marbles, Dok.PD.**

4. **Jirrizulta li l-konvenut kien baghat cekk lill-attur fis-somma ta' erba' mitt lira li l-attur ma sarrfux.**

5. **Bhala fatt jirrizulta li l-attur kien ghamel minn kollox biex jipprova jaqdi lill-konvenut, sa ma pprovdielu tarag provisorju minghajr hlas. Ghalkemm ma qablux fuq is-somma dovuta, u hawnhekk iz-zewg partijiet ghadhom xi ftit tat-tort, ghax ma ghamlux l-affarijiet cari bil-miktub meta ftehmu fil-bidu, kif inhu rikjest biex l-affarijiet isiru sew, it-Tribunal jikkunsidra li s-somma mitluba mhix esagerata, u ghalhekk hija dovuta.**

6. **Pero` mill-lat l-iehor it-Tribunal hu soddisfatt illi l-attur ma hax dawk il-prekawzjonijiet li kellu jiehu waqt li qed jiwweldja it-tarag. Ma hemmx dubbju li l-hsara kagunata fil-granit giet**

**kagunata bil-welding, u dana kif xehed Michael Schembri, imqabbad mill-istess konvenut biex jivvaluta l-hsara. F'dan ir-rigward it-Tribnal jaghmel referenza ghall-istima esebita Dok.PD, datata 19 ta' Jannar, 2002.**

7. **Ghaldaqstant il-kontro-talba tal-konvenut hija gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba ta' l-attur tirrizulta pruvata, kif ukoll tirrizulta pruvata t-talba tal-konvenut, it-Tribunal b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1196 tal-Kodici Civili, jigi li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' erba' mija tmienja u sebghin lira Maltija (Lm478.00), u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma imsemmija ta' erba' mija tmienja u sebghin lira Maltija (Lm478.00), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**